**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (ir-Rumanija) fit-22 ta' Mejju 2012 — Corina-Hrisi Tulică vs Agenția Națională de Administrare Fiscală — Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor**

**(Kawża C-249/12)**

(2012/C 243/11)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casație și Justiție

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Corina-Hrisi Tulică

*Konvenuta:* Agenția Națională de Administrare Fiscală — Direcția Generală de Soluționare a Contestațiilor

**Domanda preliminari**

Meta l-bejjiegħ ta' proprjetà immobbli jiġi kklassifikat mill-ġdid bħala persuna taxxabbli li għandha tħallas il-VAT u meta l-partijiet stabbilew il-korrispettiv (il-prezz) tal-kunsinna ta' din il-proprjetà mingħajr ma semmew il-VAT, l-Artikoli 73 u 78 tad-Direttiva 2006/112/KE ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-valur taxxabbli huwa kompost:

(a) mill-korrispettiv (il-prezz) tal-kunsinna tal-proprjetà li ġie stabbilit mill-partijiet wara t-tnaqqis tar-rata tal-VAT jew

(b) mill-korrispettiv (il-prezz) tal-kunsinna tal-proprjetà li ġie miftiehem mill-partijiet?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (ir-Rumanija) fit-22 ta' Mejju 2012 — Călin Ion Plavoșin vs Direcția Generală a Finanțelor Publice Timiș — Serviciul Solutionare Contestații, Activitatea de Inspecție Fiscală — Serviciul de Inspecție Fiscală Timiș**

**(Kawża C-250/12)**

(2012/C 243/12)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Înalta Curte de Casație și Justiție

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Călin Ion Plavoșin

*Konvenuti:* Direcția Generală a Finanțelor Publice Timiș — Serviciul Solutionare Contestații, Activitatea de Inspecție Fiscală — Serviciul de Inspecție Fiscală Timiș

**Domanda preliminari**

Meta l-bejjiegħ ta' proprjetà immobbli jiġi kkwalifikat mill-ġdid bħala persuna taxxabbli għall-finijiet tal-VAT u l-korrispettiv (il-prezz) għat-trasferiment ta' din il-proprjetà ġie stabbilit mill-partijiet mingħajr ebda riferiment għall-VAT, l-Artikoli 73 u 78 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-valur taxxabbli jikkonsisti fi:

(a) il-korrispettiv (il-prezz) għat-trasferiment tal-proprjetà stabbilit mill-partijiet wara li titnaqqas il-VAT jew

(b) il-korrispettiv (il-prezz) għat-trasferiment tal-proprjetà miftiehem mill-partijiet?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad — Plovdiv (il-Bulgarija) fl-24 ta' Mejju 2012 — Teritorialna direktsia na Natsionalnata Agentsia za Prihodite — Plovdiv vs "RODOPI M 91" OOD**

**(Kawża C-259/12)**

(2012/C 243/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen sad — Plovdiv (il-Bulgarija)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Teritorialna direktsia na Natsionalnata Agentsia za Prihodite — Plovdiv

*Konvenut:* "RODOPI M 91" OOD

**Domandi preliminari**

(1) (1) Il-prinċipju ta' newtralità fiskali jippermetti lil Stat Membru jimponi sanzjoni minħabba dikjarazzjoni tardiva tal-annullament ta' fattura, anki jekk dan l-annullament kien ġie sussegwentement irreġistrat u l-persuna kkonċernata kienet ħallset it-taxxa — bl-interessi — li tirriżulta mill-annullament?

(2) Iċ-ċirkustanzi msemmija hawn huma rilevanti għall-ewwel domanda:

— il-perijodu li fih l-annullament kellu jiġi ddikjarat, huwa ta' 14-il ġurnata mit-tmiem ix-xahar li fih sar l-annullament;

— l-annullament tal-fattura tkun effettivament ġiet iddikjarata xahar qabel it-tmiem tal-perijodu li fih kellu jitwettaq l-annullament;